A.L. 19 ta' l-1995

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1995 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Jannar, 1995. Jum stabbiliit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) L-art li ġejja f'Ta' Żwejt, limiti ta' Birkirkara, kif hawn iktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 680 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' Triq Ġużè Borg, mix-Xlokk ma' Alessio Xuereb u mil-Lbiċ ma' John Mary Borg, delineata bl-aħdar u markata bħala Plot A fuq L.D. 100/92;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 272 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' Triq Ġużè Borg, mil-Lbiċ ma' Anthony Montfort u mill-Grigal ma' Charles Darmanin, delineata bl-aħdar u markata bħala Plot B fuq L.D. 100/92.

Dawn iż-żewġ plots jagħmlu parti minn art tal-Gvern miksuba bis-saħħa ta' l-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, Kap. 303.

(2) Biċċa art fin-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' madwar 1,540 metru kwadru, li tmiss minn Nofs-in-Nhar ma' Triq Tal-Ħali, mil-Lvant ma' Triq Binġemma u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħdar fuq L.D. 26/83/3.

(3) Flat numru 4, Appartamenti Indipendenza, Triq Maria De Dominicis, Santa Luċija (Tenement No. 76314).

(4) Flat numru 4, Blokk B 2, Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar.

(5) Flat numru 2 f'numru 138, Triq l-Arċisqof, Valletta (Tenement No. 83013D).

(6) Id-dar bin-numru 86, Triq il-Marrubja, Żejtun (Tenement No. 60819).